l-orizzont
ĠURNAL INDIPENDENTI TA' KULJUM

09/03/2012

Imniedi ktieb ta' riċetti għal dawk morda bil-kliewi

Din is-sena biex jitfakkar il-Jum Dinji tal-Kliewi, qed ikun imniedi ktieb ta' riċetti tradizz-jonali u sempliċi għall-pazjenti li għandhom problemi fil-kliewi. Il-ktieb kien imniedi fir-Renal Unit fl-Isptar Mater Dei.

Il-pubblikazzjoni tinkludi għadd ta' riċetti miktuba minn James Muscat, dilettant tat-tisjir u donatur ta' kilwa bl-involviment ta' Dr Mario Caruana, espert tad-dieta. Dan il-ktejjeb hu inizjattiva li ħallset għaliha Vivian Corporation, f'isem Shire, waħda mill-isponsors uffiċjali ewlenin tal-Jum Dinji għall-Kliewi madwar id-dinja

Dr Emanuel Farrugia, Consultant Nephrologist spjega li bħalissa hemm 250 pazjent li jmorru regolarment fir-Renal Unit. Hu qal li jikkalkula li hawn madwar 10% tal-popolazzjoni Maltija li tbati mill-mard tal-kliewi. Hu spjega li din hi marda li tinduna biha meta parti kbira mill-kliewi ma jibqgħux jiffunzjonaw.

Hu spjega li d-dieta trid tkun apposta għal kull pazjent għalkemm saħaq li hu importanti li dak li jkun jikkontrolla l-melħ li jieħdu, iż-żokkor u l-pressjoni għolja.

Intant nhar il-Ħadd se jitfakkar il-Jum Dinji tal-Kliewi, u dan se jsir b'mixja minn Tigne Point għal Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta.